**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Jannar, 2017**

**Citazzjoni Nru: 759/2007 AF**

**Albert Attard Cassar**

**vs**

**International Merchants Co Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Albert Attard Cassar li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Huwa kien impjegat mas-socjetà intimata bhala storekeeper fil-mahzen tal-istess socjetà b'dana illi xoghlu kien li jistekkja palettes u merkanzija.

Huwa sofra incident fuq ix-xoghol nhar it-30 ta' Jannar 2006.

Dan l-incident sehh unikament tort tas-socjetà intimata minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' regolamenti jew minhabba illi s-socjetà intimata ma pprovdietx *a safe place of work* jew *a safe system of work* kif inhija ritenuta kont li zzomm ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Per konsegwenza tal-incident, ir-rikorrent sofra danni anke ta' natura personali permanenti kif ser jirrizulta fis-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ir-rikorrent interpellat izda inutilment lis-socjetà intimata sabiex tiddivjeni ghall-likwidazzjoni tad-danni subiti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-incident illi ssubixxa fuq il-post tax-xoghol sehh unikament tort tas-socjetà intimata u dan minhabba negligenza, imperizja, inosservanza ta' regolament jew minhabba illi s-socjetà intimata ma pprovdietx *a safe place of work* jew *a safe system of work* kif inhija ritenuta kont li zzomm ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Tillikwida d-danni minnu sofferti occorendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna is-sojcetà intimata thallas id-danni subiti bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata li minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' International Merchants Co Ltd maħlufa minn Louis Cardona li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-ewwel talba tar-rikorrent ghandha tkun michuda stante li l-incident *de quo* gara htija tar-rikorrent innfisu mhux tort tas-socjetà intimata li minn naha taghha ottemperat ruhha mal-obbligu taghha li fit-termini stabbiliti mill-ligi thares is-sahha u s-sigurtà tal-impjegati taghha fosthom l-attur.

It-tieni talba tar-rikorrent ghandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrent. Fi kwalunke kaz, u bla pregudizzju ghall-premess, jispetta lir-rikorrent li jaghmel il-prova tad-danni skond il-ligi inkluz il-prova li l-kondizzjoni medika prezenti tieghu hija kollha kemm hi rizultat

tal-korriment tieghu mhux ta' xi kondizzjonijiet medika jew ta' sahha antecedenti l-incidenti.

Anke it-tielet talba ghandha tigi rigettata stante li s-socjetà intimata m'ghandhiex tkun kundannata thallas danni lir-rikorrent.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Diċembru 2010 din il-Qorti nnominat lill-kirurgu ortopediku Mr Jason Zammit bħala espert mediku, filwaqt illi fl-udjenza tat-3 ta' Diċembru 2013 nnominat lill-kirurgi ortopediċi Mr Frederick Zammit Maempel, Mr Joe Borg u Mr Charles Sciberras bħala periti perizjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti ssib illi s-socjetà konvenuta hija responsabbli għall-inċident li seħħ f'wieħed mill-imħażen tagħha fit-30 ta' Jannar 2006 meta l-attur, li kien impjegat tas-socjetà konvenuta, waqa' u sofra ġrieħi f'daru. Konsegwentement, il-Qorti qiegħda tiġi mitluba tikkundanna lis-socjetà konvenuta tħallas danni lill-attur.

Is-socjetà konvenuta teċċepixxi li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante li l-inċident seħħ unikament tort tal-attur stess u li fi kwalunkwe każ ma hemmx danni x'jiġu likwidati.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi l-attur kien ilu impjegat mas-socjetà attriċi għal madwar għaxar snin qabel korra riżultat ta' inċident fuq il-post tax-xogħol, liema inċident seħħ fit-30 ta' Jannar 2006. Minkejja li fl-affidavit tiegħu huwa jgħid li kien

impjegat bħala *storekeeper*, in kontro eżami huwa jgħid li xogħlu ma kienx ta' *storekeeper*. Jidher però li hemm qbil bejn il-partijiet illi sa ftit ġimgħat qabel seħħ l-inċident, xogħol l-attur kien prinċipalment li jipprepara l-fatturi tal-ordnijiet tal-merkanzija li kienet tkun ser tikkunsinna s-socjetà konvenuta, iżda fiż-żmien li seħħ l-inċident, huwa kien għadu kemm ingħata rwol ġdid u ċioè li jivverifika l-fatturi tal-merkanzija li tkun għadha kemm waslet fl-imħażen tas-socjetà konvenuta u jissorvelja lill-burdnara li jkunu qegħdin iħottu din il-merkanzija mill-*containers.*

Ma ġiex ikkontestat mis-socjetà konvenuta li dak inhar illi seħħ l-inċident *de quo*, meta l-attur wasal fil-maħżen in kwistjoni sab illi kien hemm xi kaxxi ta' merkanzija li riedu jiġu stivati qabel il-burdnara setgħu iħottu l-merkanzija li waslet dakinhar.

Għalhekk, jirriżulta li l-attur beda jieħu ħsieb l-istivar ta' din il-merkanzija waqt li l-burdnara bdew iħottu l-merkanzija l-ġdida fuq il-*pallets* permezz ta' *forklifter* sabiex permezz tal-istess *forklifter* din tiġi stivata. L-attur kien qiegħed jieħu ħsieb jagħmel spazju billi jistiva l-merkanzija li kien hemm diġa fil-maħżen, għaliex kien hemm ammont ta' kaxxi li kienu għadhom mhux stivati. Biex ikun jista' jistiva l-kaxxi fl-għoli, huwa għamel forma ta' taraġ mill-kaxxi tal-merkanzija stess u tela' fuqhom. Waqt li kien qiegħed bil-wieqfa fuq dawn il-kaxxi sabiex jistiva l-merkanzija, huwa jgħid li ħa pass lura u waqa' għal daru. Filwaqt illi l-attur u l-burdnar Louis Sammut li kien preżenti meta seħħ l-inċident isostnu li l-attur waqa' minn għoli ta' madwar sular, Louis Cardona, direttur tas-socjetà konvenuta, jirribatti li l-attur waqa' madwar metru u nofs kif iddikjara l-attur stess fl-applikazzjoni tiegħu sabiex jirċievi l-Benefiċċju għall-Korriment.

Ma jirriżultax illi l-attur reġa daħal għax-xogħol wara l-inċident. Għaldaqstant, u peress li s-socjetà konvenuta, fuq parir ta' tabib inkarigat minna, waslet għall-konklużjoni li l-attur ma kienx f'posizzjoni li jirritorna għax-xogħol li kien jagħmel qabel l-inċident minħabba l-ġrieħi li sofra u ma kienx hemm xogħol alternattiv li seta' jagħmel mal-kumpannija, l-impjieg tiegħu ġie tterminat b'effett mill-31 ta' Jannar 2007.

Fil-kuntest ta' responsabilità l-attur jinsisti li l-inċident ma kienx tort tiegħu għaliex huwa sab ruħu f'sitwazzjoni fejn ried jara kif ser jagħmel sabiex jisbarazza l-maħżen mill-kaxxi tal-merkanziji li kien hemm sabiex jagħmel spazju għall-merkanzija li kienet għadha kemm waslet u l-burdnara kienu qegħdin jgħaġġluh sabiex ikunu jistgħu jħottu il-merkanzija. Huwa jgħid illi ma kellux esperjenza fix-xogħol tal-ħatt mill-*containers* u li ma setax jaħdem mod ieħor ħlief billi jitla mal-kaxxi tal-merkanzija. Is-socjetà konvenuta tinsisti li għall-inċident jaħti unikament l-attur li minkejja li kien jiġi avżat sabiex ma jitlax fuq il-merkanzija, għażel li jagħmel manuvra perikoluża u kien għalhekk tort tiegħu stess illi waqa' u weġġa'.

Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Natalina Ciancio vs Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali tas-27 ta' Frar 2014:

"*Ghalkemm il-principji tal-htija kif imsawra fil-kuntest tal-Art 1031 u 1032(1) tal-Kap 16, jistghu jigu applikati in linea generali ghall-kaz tal-lum, l-azzjoni attrici tibqa' wahda partikolari msejsa fuq ir-relazzjoni ex contractu veljanti bejn impjegat u principal fejn jidhol il-harsien tas-sahha u tas-sigurtà tal-impjegat*."

Permezz tal-Avviż Legali 36 tal-2003 daħal fis-seħħ korp ta' regolamenti imsejjaħ Regolamenti dwar Disposizzjonjiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol.

Regolament numru 4 jelenka d-dmirijiet ġenerali ta' min iħaddem:

> "*(1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f 'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.*
>
> *(2) Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriża.*

*(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u tagħrif kif meħtieġ:*

*Iżda għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol:*

*Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, min iħaddem għandu jkun attent għall-bżonn ta` aġġustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu."*

Ir-regolament numru 5 jelenka dmirijiet ulterjuri ta' min iħaddem u ċioè li:

*"(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fejn jidħol id-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa."*

Regolament numru 15 imbagħad speċifikament jelenka l-obbligi tal-ħaddiem u jaqra hekk:

*"(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni oħrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tiegħu skond it-taħriġ u l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan kollu, għandu jkun id-dmir tal-ħaddiem li:*

*(a) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jagħmel użu korrett tat-tagħmir protettiv personali mogħti lilu u, wara l-użu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew ineħħi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà użati, ma' makkinarju, apparat, għodda, impjanti u bini, u li juża dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett ;*

*(d) jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu raġunijiet jikkunsidra li tippreżenta periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min iħaddem u ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ħtiġijiet imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;*

*(f) jikkopera ma' min iħaddem u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta` żmien neċessarju sabiex min iħaddem jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u li ma jpoġġu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività tagħhom."*

Il-Qorti sejra tagħmel riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited tad-29 ta' Settembru 2011 fejn il-Qorti semmiet diversi prinċipji segwiti mill-Qrati tagħna

fid-deċiżjonijiet tagħhom *in subiecta materia*. F'din is-sentenza il-Qorti qalet hekk:

> *"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh.*
>
> *Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi.*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru.*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbiltà, u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel.*

*Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol" jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu.*

*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta'*

*diliġenza jew ta' ħsieb tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra, u dan għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjetà għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjetà tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha.*

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria."*

Ta' importanza wkoll hija is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Simon Chetcuti vs Alec Mizzi et noe, deċiża fl-20 ta' Ġunju, 2002*,* fejn ġie osservat li min iħaddem m'għandux iqabbad lill-ħaddiema tiegħu jagħmlu xogħol li mhux soltu jagħmlu u li għalih ma kellhomx tahriġ.

Kif qalet ukoll il-Qorti tal-Kummerċ fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Schembri vs Caruana noe tat-12 ta' Jannar 1983, '*wieħed irid jikkonsidra l-atmosfera fil-post tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib il-ħaddiem fil-każ tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġġla fix-xogħol, nuqqas ta' għajnuna minn ħaddiema oħra li jkunu inkarigati biex jaħdmu miegħu fuq dan ix-xogħol.'* Dawn huma kollha fatturi li min iħaddem irid jikkunsidra meta jkun qiegħed jippjana l-lant tax-xogħol sabiex joħloq dak li komunement huwa msejjaħ '*a safe system of work*.'

F'dan il-każ hemm qbil bejn il-partijiet illi xogħol l-attur inbidel ftit ġranet qabel ġara l-inċident in kwistjoni. Is-socjetà konvenuta tinsisti li xogħol l-attur kien biss li jivverifika l-merkanzija mal-fatturi u jissorvelja l-ħatt u stivar tax-xogħol. In kontro eżami l-attur jikkonferma li xogħlu ma kienx li jiżbarazza l-maħżen iżda li dak il-ħin illi wasal il-*container* kienu l-burdnara stess li nfurmawh illi l-maħżen kellu jkun żbarazzat sabiex huma jkunu jistgħu jħottu l-merkanzija. Dakinhar tal-inċident, ma jirriżultax li l-burdnara kienu inkarigati jiżbarazzaw il-maħżen. F'dan il-każ il-Qorti ssib illi l-attur kien għadu mingħajr esperjenza f'dan ir-rwol tiegħu li jissorvelja l-ħatt tal-*containers*. Konsegwentement, huwa naturali li l-attur, li fuq kollox kien waħdu fil-maħżen dak inhar, u għaldaqstant, responsabbli għax-xogħol li kellu jsir, sab ruħu f'sitwazzjoni li ried jara kif ser jagħmel biex jiżbarazza l-maħżen sabiex ikunu jistgħu jaħdmu l-burdnara.

Is-socjetà konvenuta ssostni li ma kienx xogħol l-attur li jistiva l-merkanzija li kienet għadha kemm waslet iżda li dan kien xogħol il-burdnara li fil-fatt kienu qegħdin joperaw *forklifter* sabiex iħottu l-merkanzija minn fuq il-*container* u jistivawha fil-maħżen. Il-Qorti jirriżultalha li dan huwa minnu, iżda f'dan il-każ meta weġġa' l-attur huwa kien qiegħed jagħmel spazju għall-merkanzija li kienet qiegħda tinħatt mill-burdnara billi jistiva merkanzija li diġa kienet qiegħda fil-maħżen, u kif jikkonferma l-burdnar Louis Sammut, il-*forklifter* li kien qiegħed juża hu ma setax jintuża wkoll mill-attur sabiex jiżbarazza l-maħżen. Is-socjetà konvenuta tgħid illi l-attur kellu għad-disposizzjoni tiegħu sellum kif ukoll *palletizer*. Fir-

rigward tas-sellum l-attur jgħid illi ma kienx prattiku li jintuża għaliex ma kellu lill-ħadd min jgħinu billi jżommlu s-sellum filwaqt li huwa jitla' sabiex jistiva l-merkanzija. Huwa jispjega wkoll li ma setax juża s-sellum għaliex ma kienx hemm spazju biżżejjed fejn dan imil. Il-Qorti m'ghandhiex raguni ghaliex tiddubita dan il-fatt.

Fir-rigward tal-*palletizer*, l-attur jgħid li m'huwiex minnu li kien hemm wieħed fil-maħżen. Il-Qorti tosserva li l-ebda parti ma ressqet prova konkreta dwar jekk kienx hemm *palletizer* fil-maħżen dakinhar tal-inċident iżda fi kwalunkwe każ, tenut kont tal-fatt illi l-attur ma kienx qiegħed jistiva *pallets* sħaħ iżda kaxxi tal-merkanzija, il-Qorti tiddubita kemm kien ser ikun ta' għajnuna dan il-*palletizer*.

L-inġinier Paul Cardona ppreżenta kopja tal-*Health and Safety Audit Report* li kien ħejja huwa stess ftit xhur qabel ma ġara l-inċident *de quo*. Rilevanti għall-kawża tal-lum huma s-segwenti osservazzjonijiet li għamel l-inġinier Cardona fir-rigward tal-imħażen tas-socjetà konvenuta. Huwa nnota kemm illi '*Lifting is carried out extensively on a regular basis, all over the place in the stores*'[1] kif ukoll illi '*a lot of improper if not haphazard stacking was generally noted all over the place*.'[2] Jidher għalhekk illi l-qajla kien jintuża dan il-*palletizer* għal dan it-tip ta' xogħol ta' stivar.

Kif diġa ngħad il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li l-attur kien għadu ġdid fix-xogħol li jissorvelja l-ħatt tal-merkanzija għaliex qabel xogħolu kien li jieħu ħsieb il-fatturi u filwaqt illi burdnara kienu tlieta jaħdmu bl-għajuna ta' *forklifter*, l-attur kien qiegħed waħdu jipprova jlaħħaq magħhom billi jagħmel l-ispazju għall-merkanzija li kienu qegħdin iħottu dawn il-burdnara u ċertament illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha kkontribwew għall-inċident li seħħ.

Hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur ingħata struzzjonijiet sabiex ma jitlax fuq il-merkanzija iżda ma jirriżultax li ngħata tahrig dwar kif għandu jaħdem fis-sitwazzjoni li sab ruħu fiha

[1] Paġna 25

[2] Paġna 27

dakinhar, fejn ma setax juża sellum. Il-Qorti ma ssibx ghaliex tiddebita l-verżjoni tal-attur illi huwa kien ġieli lmenta mas-superjuri tiegħu fis-sens illi ma kellux mod ieħor kif jaħdem, iżda r-reazzjoni tagħhom kienet tkun illi l-problema ser tissolva meta jkun lest il-maħżen il-ġdid illi kienet qiegħda tibni s-socjetà konvenuta.

F'dan l-istadju huwa opportun li ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Charles Farrugia vs Malta Investment Management Company Ltd deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2003 fejn il-Qorti osservat illi '*Veru li setghu jghidu "le", però, meta hemm l-impjieg tieghu fin-nofs, impjegat mhux facli jirrezisti l-ordnijiet tal-employer tieghu.*'

Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, is-socjetà konvenuta naqset milli tipprovdi *a safe system of work* għall-ħaddiema tagħha.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha is-socjetà konvenuta tgħid illi f'dan il-każ għandu japplika l-prinċipju li *volenti non fit iniuria*. Dwar dan, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Vassallo et vs Carmelo Pace tal-5 ta' Marzu 1986 fejn ingħad hekk:

> "*B'riferenza għall-prinċipju volenti non fit iniuria, iċ-Charlesworth, Law of Negligence, paġna 498, josserva:*
>
> "*A person who makes an agreement with another, either expressly or by implication, to run the risk of injury caused by that other, cannot recover for damage caused to him by any of the risks he agreed to run';*
>
> *(...)*
>
> *Il-massima hija volenti non fit iniuria u mhux scienti non fit iniuria. Kif igħid Charlesworth, op. cit. paġna 498:*
>
> "...*the first point is that the Courts will not find the existence of an implied agreement unless the person who is alleged to have made it had full knowledge of the nature and extent of the risk to be run. The other point is that*

*although plaintiff had full knowledge of the nature and extent of the risk and, with that knowledge, in fact incurred it, he will not be prevented from recovering unless the circumstances are such as to show that incurring the risk he did it on the terms that the loss should fall on him and not on some other person. This is because, as has often been pointed out, the maxim is volenti non fit iniuria and not scienti non fit iniuria. Knowledge of the risk is therefore only one of the elements which has to be taken taken into account in deciding whether the inference that the plaintiff agreed to take the risk upon himself can be drawn*."

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Limited et deċiża fit-12 ta' Diċembru 2012, ingħad ukoll hekk:

"*Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorità li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilità tar-riskju li dieħla għalih. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għamil tal-parti l-oħra. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor*."

Fiċ-ċirkostanzi tal-kawża tal-lum, il-Qorti hija tal-fehma li ma ssibx applikazzjoni l-masssima li *volenti non fit iniuria*. Kif diġà ingħad il-Qorti jirriżultalha li l-attur kien ġibed l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu li ma setax jaħdem mod ieħor f'ċertu każi ħlief billi jitla mal-merkanzija sabiex ikompli jistiva il-kaxxi għaliex f'ċertu każi ma setax jintuża sellum, u r-risposta ta' Louis Cardona għal dan kienet tkun illi din il-problema ser tissolva meta jkun lest il-maħżen il-ġdid. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li ma jistax jingħad li l-attur kien qiegħed jaċċetta volontarjament ir-riskju marbut mal-azzjoni tiegħu li jitla fuq il-

merkanzija sabiex ikun jista' jkompli jistiva. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Kevin Zammit vs Maltapost plc tal-31 ta' Mejju 2011 saret riferenza għall-każ Ingliż fl-ismijiet Smith vs Charles Baker & Sons (1891) AC 325 (House of Lords), fejn ingħad hekk: *'an employee who complained of unsafe practice but nevertheless continues to work could not truly be said to have voluntarily agreed to waive their legal rights.'*

Għalhekk, f'dan il-każ, il-Qorti ssib illi ma jistax jingħad li l-attur kien volontarjament qiegħed jassumi r-riskju tal-azzjonijiet tiegħu, iżda dan ma jfissirx neċessarjament li ma hemmx responsabbiltà kontributorja għall-akkadut. Ir-responsabilità kontributorja, għandha sinjifikat legali ghal kollox divers minn *volenti non fit iniuria*.

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Michael Camilleri noe vs Direttur tal-Edukazzjoni et, tal-1 ta' Diċembru 2006, il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar il-kontributorjetà:

> *"Fuq is-suggett ta' kontributorjetà ssir riferenza ghal dak li kkumenta Lord Denning fil-kawza Froom v. Butcher (1976):*
>
> *"Negligence depends on a breach of a duty, whereas contributory negligence does not. Negligence is a man's carelessness in breach of duty to others. Contributory negligence is a man's carelessness in looking after his own safety. He is guilty of contributory negligence if he ought reasonably to have foreseen that, if he did not act as a reasonable prudent man, he might hurt himself."*

Din il-Qorti, filwaqt illi titfa' parti mir-responsabbiltà għal dak li ġara fuq is-socjetà konvenuta, ma tistax, minn naħa l-oħra, teskolpa lill-attur. Dak li hu ovvju għal min iħaddem, kellu jkun ovvju wkoll għall-ħaddiem. L-attur kellu jirrealizza li b'dak li kien qiegħed jagħmel u ċioè jitla' fuq il-merkanzija sabiex ilaħħaq jistiva fl-għoli seta' jwassal għall-inċident. Huwa veru li huwa l-obbligu ta' min iħaddem sabiex jipprovdi għat-traskuraġni tal-ħaddiema, però, min iħaddem ma jistax jipprovdi għan-negliġenza grassa, għaliex anke l-ħaddiem hu

mistenni li joqgħod attent u juża d-diliġenza fuq il-post tax-xogħol u m'għandux jagħmel manuvri azzardati li jżidu r-risku tal-ħsara (Kevin Mallia vs Alfred Mizzi and Sons Ltd deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Ottubru 2003).

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Carmel Bray vs Alfred Petroni et noe tat-30 ta' Novembru 2001 kien rilevat illi:

> "*L-impjegat huwa wkoll obbligat li jipprova jevita incidenti li jistghu jwasslu ghall-korriment tieghu u jista' wkoll minhabba n-nuqqas ta' prudenza adoperata minnu jikkontribwixxi ghac-cirkostanzi li jkunu wasslu ghall-korriment tieghu. Jekk ma juzax tali prudenza d-danneggjat jista' jinstab li kkontribwixxa ghad-dannu soffert minnu.*"

Hekk ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tas-27 ta' April 2005 fil-kawża Paul Debono vs Malta Drydocks, għamlet enfasi fuq l-obbligu tal-ħaddiem illi jippresta d-debita attenzjoni waqt ix-xogħol tiegħu :-

> "*Tajjeb li jinghad ukoll illi meta haddiem ikun gie istruwit kif ghandu jaghmel certu xoghol, u mwissi wkoll dwar l-ezistenza ta' perikolu potenzjali, wiehed ikollu jezamina jekk dan il-haddiem ikunx mexa kontra l-istruzzjonijiet u kienx imprudenti dwar il-prekawzjonijiet li kellu jadopera. Id-diligenza u l-prudenza ordinarja mhix haga kostanti fl-entità izda tiddependi mic-cirkostanzi*."

Finalment, issir riferenza għal dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Carmelo Micallef vs John Pisani noe tal-5 ta' Ottubru 2001:

> "*Issa, fil-waqt li hu minnu illi min ihaddem kellu l-obbligu li jipprovdi a safe system of work, kellu d-dover illi jassigura li x-xoghol ikun qieghed isir taht is-supervizjoni ta' persuni kompetenti u kellu wkoll id-dover illi jipprovdi protezzjoni adegwata f'dak li hu lbies u attrezzi ohra, dan ma jfissirx illi min jahdem ma kellux hu wkoll l-obbligu illi jahdem*

*b'diligenza u b'attenzjoni b'mod li ma jipprovokax hu stess incidenti illi bi ftit attenzjoni u galbu setghu jigu evitati.*

*...*

*Il-haddiem allura ma kienx intitolat li jiehu riskji bla bzonn fl-ezekuzzjoni tax-xoghol fdat f'idejh. Fil-waqt li hu veru illi hemm cirkostanzi fejn it-tehid ta' tali riskju jista' jigi spjegat u gustifikat minhabba n-natura tax-xoghol ripetittiv jew minhabba apprezzament zbaljat ta' x'kellu jsir fil-mument, hemm imbaghad cirkostanzi ohra fejn it-tehid ta' tali riskju ma jkun bl-ebda mod gustifikat ghax ikun jammonta ghal negligenza u traskuragni fuq il-lant tax-xoghol. Kulhadd allura kien mistenni illi dak li jaghmel jezercita l-kura ragjonevoli ta' bonus pater familias*."

Applikati dawn il-prinċipji għal kawża tal-lum, il-Qorti ssib illi f'dan il-każ l-attur ukoll kien responsabbli għall-inċident *de quo*. Min iħaddem għandu l-obbligu li jipprovdi *a safe system of work*, iżda l-ħaddiema għandhom l-obbligu li ma jidħlux għal periklu mingħajr bżonn. Ċertament illi huwa kien konxju li billi jitla fuq il-kaxxi tal-merkanzija seta' jaqa' u jweġġa u minħabba dan l-aġir tiegħu ma jistax jitfa r-responsabbiltà kollha għal dak li ġara fuq is-socjetà konvenuta.

Għalhekk, il-Qorti ssib dwar l-element ta' responsabbiltà li kemm l-attur kif ukoll is-socjetà konvenuta jaħtu għal dak li ġara u din ir-responsabbiltà għandha tiġi apporzjonata ugwalment bejn il-partijiet.

Fil-kuntest ta' danni kawzati, jirriżulta mill-provi li kawża tal-inċident l-attur sofra debilità permanenti fuq il-persuna tiegħu. In materja ta' danni, artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

*"(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

*(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita` tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

Skont artikolu 1045, il-kwantifikazzjoni ta' danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks appena ċitata ngħad hekk:

"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacità. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacità, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja*."

Id-diżabilità permanenti li sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-inċident ġiet stabbilita mill-ewwel espert mediku fir-rata ta' erbatax fil-mija (14%) filwaqt illi l-esperti mediċi perizjuri stabbilew ir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%). Tenut kont tal-fatt illi jirriżulta li kienet is-socjetà konvenuta stess illi tterminat l-impjieg tal-attur wara l-inċident, in kwantu li fil-fehma tagħha l-attur ma setax jirritorna għax-xogħol konsegwenza tal-ġrieħi li sofra, il-Qorti hija sodisfatta li d-diżabilità permanenti li sofra l-attur ser ikollha effett fuq il-potenzjal tal-impjieg tiegħu stante li t-tip ta' xogħol li kien jagħmel kien jinvolvi ammont ta' strapazz, u li kawża tal-inċident baqa' jsofri minn ugieħ f'daru. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tistabbilixxi d-diżabilita` permanenti li sofra l-attur fir-rata ta' disgħa fil-mija (9%) u sejra tadotta dan il-perċentwali fil-kalkoli tagħha.

Fir-rigward tal-*multiplier*, f'każijiet bħal dan illi għandha quddiemha l-Qorti llum, normalment ma jsirx sempliċi tnaqqis bejn l-eta` tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident iżda l-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih l-element ta' *chances and changes of life or vicissidtudes of life*. Kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Josephine-Carmen Cunningham et vs John Grech et tal-14 ta' Jannar 2016:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)."*

Hawnhekk issir riferenza wkoll għal ġurisprudenza estensiva ta' din il-Qorti diversament presjeduta fir-rigward tal-komputazzjoni magħmula f'kawżi simili wara inċidenti li jinvolvu diżabilità permanenti bħalma hija dik fl-ismijiet Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard (C8570) deċiża fit-12 ta' Novembru 2012, fejn ingħad illi '*Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf min qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirriferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira.*' L-iskeda li ssir riferenza għaliha fis-sentenza ta' Saliba msemmija ġiet applikata f'numru ta' sentenzi oħra ta' din il-Qorti diversament presjeduta bħal Godfrey Schembri vs Victor Portelli deċiża fit-2 ta' Novembru 2009 u Alex Azzopardi vs Anna Ellul et, deċiża fl-20 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant, din il-Qori ser tapplika l-imsemmija skeda u fir-rigward tal-attur li f'dan il-każ kellu 47 sena fid-data tal-inċident, ser jiġi adoperat multiplier ta' 11-il sena.

Fir-rigward tal-paga li kien jirċievi l-attur, jirriżulta li fis-sena 2005 li kienet is-sena ta' qabel l-inċident, il-qliegħ *gross* li l-attur irċieva jammonta għall Lm 5741 llum €13,372.90. Jekk wieħed jikkonsidra li normalment il-paga minima nazzjonali tiżdied b'€303.78 kull sena, għal 11-il sena, u jekk wieħed jieħu l-medja ta' salarju fi żmien l-inċident (€13,372.90) u dak tal-aħħar salarju (€13,372.90 + €334.58 = €16,714.48) ossia

l-medja bejn €13,372.90 u €16,714.48, dan iwassal għall-figura ta' €15,043.69 li għandha tiġi adoperata bħala *multiplicand* li jipprovdi wkoll għall-għoli tal-ħajja.

Finalment, in vista tal-fatt illi l-attur ser ikun qiegħed jirċievi somma kapitali f'daqqa iżda tenut kont tal-fatt illi l-likwidazzjoni qiegħda ssir aktar minn 9 snin wara li ġiet intavolata l-kawża, u dan effettivament ifisser li s-socjetà konvenuta żammet f'idejha u gawdiet flus li jmissu lill-attur, iżda l-attur ser jieħu l-benefiċċju li jdaħħal flus bħala *lump sum,* din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jsir tnaqqis ta' sitta fil-mija (6%) u ser tadotta dan it-tnaqqis bħala *lump sum reduction.*

Għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* kif ġej:

9% x 11 x €15,043.69 = €14,893.52 – 6% = €13,999.90

Iżda peress illi ġie deċiż li s-socjetà konvenuta hija responsabbli biss għal nofs, l-ammont dovut lill-attur huwa ta' €6999.95.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara lis-socjetà konvenuta responsabbli bin-nofs ghall-inċident li seħħ fil-maħżen tagħha fit-30 ta' Jannar 2006 u ta' nofs id-danni li ġarrab l-attur, minħabba li ma pprovdietx *a safe system of work*;

2. Tillikwida d-danni dovuti lill-attur fl-ammont ta' sitt elef disgħa mija u disgħa u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin centeżmu (€6999.95);

3. Tikkundanna lis-socjetà konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' sitt elef disgħa mija u disgħa u disgħin Ewro u ħamsa u disgħin centeżmu (€6999.95) in linea ta' danni bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

Spejjeż jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

IMHALLEF

DEP/REG